MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 103/1990/2

**Raymond Camilleri u martu Grace Camilleri**

**v.**

**Avukat Dr. Michael Grech bhala mandatarju tal-assenti**
**Margaret mart Pawlu Muscat, u b'digriet tad-29 ta' Ottubru 1990**
**l-Avukat Dr. Michael Caruana gie nominat kuratur biex jirraprezenta lill-assenti Margaret mart Pawlu Muscat minflok l-Avukat Dr. Michael Grech, u l-Avukat Dr. Michael Caruana b'digriet tas-7 ta' Mejju 1990 gie nominat kuratur deputat biex jirraprezenta lill-assenti Saviour sive Sam, fin-negozju, u Carmel sive Charles**

**fin-negozju ahwa Portelli u b'nota ta' l-4 ta' Novembru 1993 Carmelo Portelli bhala prokuratur tal-imsiefer Salvatore Portelli nominat bi prokura generali tal-14 ta' Settembru 1993 li biha assuma l-atti tal-istess Salvatore Portelli flok il-kuratur Dr. Michael Caruana u b'digriet tal-15 ta' April 1996 l-atti gew trasfuzi f'isem il-P.L. Joseph Micallef bhala l-mandant ta' l-imsiefer Jennifer De Hoeg, l-eredi ta' Sam Portelli li miet fil-mori ta' l-appell**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni pprezentat quddiemha illi permezz tieghu Salvatore sive Sam Portelli, wara illi ppremetta illi b'citazzjoni quddiem l-allura Qorti ta' Ghawdex Superjuri Civili l-atturi pprocedew b'dan il-mod: *peress illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-tnejn (2) ta' April elf disa mija u disghin (1990), l-atturi akkwistaw minghand terzi persuni terz indiviz (1/3) ossia d-drittijiet kollha lill-awturi tal-atturi spettanti fuq porzjon art fil-limiti ta' Nadur, Gozo msejha "Ta' Patritu" fi Triq San Blas tal-kejl ta' cirka elf sitt mija u tlieta u tmenin metri kwadri (1683m.k.) konfinanti punent ma' Triq San Blas u ma' beni ta' Rose Portelli in parti, nofsinhar ma' beni ta' Giovanni Vella, u tramuntana u lvant ma' beni ta' Giusepp Borg, jew is-successuri taghhom fit-titolu; jew irjieh verjuri; soggetta ghal hamsa u ghoxrin centezmu (25c) cens annwu u perpetwu; u peress illi b'att tan-Nutar Francesco Refalo tat-tmintax ta' Lulju elf disa mija sitta u tletin (1936) din il-kwota indiviza mill-art kienet giet koncessa minn Grazia mart Angelo Muscat, omm il-vendituri tal-atturi, b'antikresi ghall-perijodu ta' mitejn sena lill-awturi tal-konvenut nomine u cioè lil Rose mart Paolo Portelli, omm it-tlett persuni rapprezentanti (sic) mill-konvenut nomine, versu s-somma ta' hamsa u erbghin lira sterlina, b'dan illi l-interessi fuq din is-somma kellhom jigu pacuti mal-godiment tal-art fuq imsemmija; u peress illi in forza ta' cedola prezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' April elf disa mija u disghin (1990) fl-ismijiet "Raymond Camilleri et vs Margaret Muscat et" cedola numru 153/1990 l-atturi hallsu s-somma ta' hamsa u erbghin lira maltija (Lm45) dovuta bhala*

*mutwu lill-konvenut nomine, u ghaldaqstant huma jridu illi jirriprendu il-pussess tat-terz indiviz tal-art fuq deskritta illum proprjetà taghhom; ghid ghalhekk int konvenut nomine ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti prevja okkorrendo id-dikjarazzjoni illi in forza tad-depositu maghmul bis-sahha tac-cedola fuq imsemmija fl-ismijiet "Raymond Camilleri et vs Margaret Muscat et", cedola numru 153/1990, l-atturi gew li hallsu lura id-dejn assunt minn Grazia Muscat illi in garanzija tieghu it-terz indiviz mill-art de quo inghata in antikresi, tiddikjara illi: 1) l-antikresi fuq l-art msejha "Ta' Patritu" fi Triq San Blas fil-limiti tan-Nadur, Gozo tal-kejl superficjali ta' cirka tomna u nofs, pari ghal cirka elf sitt mija u tlieta u tmenin metru kwadru (1683m.k.) u konfinanti mill-punent mat-triq u ma' beni ta' Rosa Portelli, min-nofsinhar ma' beni ta' Giovanni Vella, u tramuntana ma' beni ta' Giusepp Borg, soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' hamsa u ghoxrin centezmu (25c) gie terminat; u kwindi l-atturi ghandhom id-dritt jirriprendu il-pussess tal-istess terz indiviz minn din ir-raba hekk koncess in antikresi; 2) tawtorizza lill-atturi illi jirriprendu il-pussess tat-terz indiviz minn din ir-raba fuq deskritt; bl-ispejjez inkluzi dawk tac-cedola numru 153/1990 fuq imsemmija kontra tieghek konvenut nomine, u bl-ingunzjoni tieghek ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti msejjah; bir-rizerva ta' kwalunkwe azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi*; illi b'sentenza tat-30 ta' Marzu, 2001 dina l-Qorti ddecidiet il-kawza billi rrevokat s-sentenza ta' l-allura Qorti ta' Ghawdex Superjuri Civili, laqghet l-appell interpost mill-atturi u konsegwentement laqghet it-talbiet taghhom kif dedotti bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati b'dan però illi l-appellanti kellhom fl-ewwel lok jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tal-kuraturi deputati; illi l-istess sentenza giet malament ottenuta fil-konfront tal-P. L. Joseph Micallef bhala l-mandant ta' l-imsiefer Jennifer De Hoeg l-eredi ta' Sam Portelli li miet fil-mori tal-appell; illi dan huwa palesament zbaljat billi Salvatore Portelli li qieghed jippresenta dan ir-rikors ghadu mimli bl-ghomor; ghalhekk huwa evidenti li s-sentenza in kwistjoni giet malament ottenuta fil-konfront tal-eredi ta' Salvatore Portelli billi dan kien u ghadu haj; dan wassal evidentement biex l-interessi ta' l-istess Salvatore Portelli ma gewx protetti fl-

istess sentenza u huwa baqa ma rceviex smiegh xieraq fl-appell; illi ghalhekk is-sentenza tista' tigi ritrattat (*sic*) minhabba li l-atti ma gewx notifikati lill-parti telliefa u dan kif mahsub fl-artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12, u billi wahda mill-partijiet fil-kawza ma hijiex il-persuna legittima u dan kif mahsub fl-artikolu 811(c); illi l-istess sentenza giet malament ottenuta billi kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi in kwantu l-istess ligi tipprovdi li meta wiehed ikun ha l-fond b'antikresi dan ikollu l-opportunità li jikkonverti dik l-antikresi fi proprjetà purkè l-fond ikun ghadu f'idejh; dan id-dritt moghti lill-kreditur antikretiku huwa indipendenti minn dak li jaghmlu terzi jew id-debitur antikretiku fil-konfront tieghu; id-decizjoni tal-Qorti, kuntrarju ghal dak li trid il-ligi, ghamlet id-dritt tal-kreditur antikretiku jiddependi minn dak li jaghmel id-debitur antikretiku u dan huwa zbaljat fil-ligi; ghalhekk l-istess sentenza hija soggetta ghar-ritrattazzjoni kif previst fl-artikolu 8119(E) (*sic*) tal-Kapitolu 12 billi applikat il-ligi hazing (*sic*); illi l-istess sentenza giet malament ottenuta bi frodi tad-drittijiet tal-esponent u dan billi l-kuntratt b'liema akkwistaw l-atturi kien vizzjat bi frodi u qerq tad-drittijiet tal-esponent; infatti l-esponent sejjer jipproponi azzjoni specifika biex dak il-kuntratt ta' akkwist tal-atturi jigi dikjarat li sar bi frodi tad-drittijiet tal-esponent u jigi rexiss; din tigi proposta f'azzjoni separata; b'dana kollu xorta wahda jibqa' l-fatt li s-sentenza hija vizzjata minhabba l-element ta' frodi perpetrat mill-atturi u ghalhekk ghandha tigi ritrattata ghat-tenur tal-artikolu 811(a) tal-Kapitolu 12; talab illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha: 1. tirrexindi u thassar l-fuq imsemmija sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi tal-30 ta' Marzu, 2001 u dan minhabba li vizzjata kif inghad hawn fuq u dan ghat-tenur tal-artikolu 811(a), (b), (c) u (e) tal-Kapitolu 12; 2. tordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni tal-istess kawza skond il-ligi; bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta ta' l-atturi intimati ghall-imsemmi rikors ta' ritrattazzjoni illi permezz taghha issottomettew illi dan ir-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma jigu konsidrati, wahda wahda, r-ragunijiet avanzati mir-ritrattand ghaliex is-sentenza ta’ dina l-Qorti tat-30 ta’ Marzu, 2001 ghandha tigi mhassra u, konsegwentement, il-kawza relativa tigi ritrattata, tajjeb jigi riprodott dak illi b’mod tant lucidu u awtorevoli qalet dwar l-istitut tar-ritrattazzjoni dina l-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza taghha ta’ l-ghoxrin (20) ta’ Frar, 1996 fil-kawza fl-ismijiet *Dott. Austin Bencini noe. vs. Dott. Remigio Zammit Pace noe.* (Vol. LXXX, P. II, p. 391) illi ghaliha jaghmlu riferenza r-ritrattati fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom intavolata quddiem dina l-Qorti fit-tlieta (3) ta’ Mejju, 2002:

“Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verità jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima *res judicata pro veritate habetur*. F’dan il-kuntest, tista’ ssir riferenza ghas-sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XXV-I-137 fejn tant tajjeb gie sottolineat li r-rimedju tar-ritrattazzjoni:

‘*Non si dà per qualunque caso di vera o supposta ingustizia, di vero o supposto errore di fatto o di diritto, ma solo in quei casi tassativamente stabbiliti dalla legge dovendo in ogni altro caso prevalere la stabbilità del giudicato che sola può mettere fine alle liti, poichè l’autorità della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile*’;

Minn dak li ntqal sa issa titnissel il-konsegwenza logika li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta’ interpretazzjoni strettissima (Kollez. Vol. XXVII-I-818). Diversament, taht il-pretest ta’ ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista’ jiftah il-kawza u b’hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza (Kollez. Vol. XLII-I-227), haga li mhix permessa mill-ligi.”

Ikkunsidrat:

Illi, dan premess, dina l-Qorti sejra issa tikkonsidra t-talba tar-ritrattrand bazata fuq dak illi jipprovdi l-Artikolu 811 incizi (b) u (c) tal-Kap. 12. Dwar dan ir-ritrattand jissottometti hekk fir-rikors tieghu:
"… l-istess sentenza [illi taghha qed tintalab ir-rexissjoni] giet malament ottenuta fil-konfront tal-P.L. Joseph Micallef bhala l-mandant ta' l-imsiefer [*recte*: imsiefra] Jennifer De Hoog l-eredi ta' Sam Portelli li miet fil-mori tal-appell. Illi dan huwa palesament zbaljat billi Salvatore Portelli li qieghed jipprezenta dan ir-rikors ghadu mimli b' l-ghomor; ghalhekk huwa evidenti li s-sentenza in kwistjoni giet malament ottenuta fil-konfront tal-eredi ta' Salvatore Portelli billi dan kien u ghadu haj. Dan wassal evidentement biex l-interessi ta' l-istess Salvatore Portelli ma gewx protetti f' l-istess sentenza u huwa baqa ma rciviex smiegh xieraq f' l-appell. Illi ghalhekk is-sentenza tista' tigi ritrattat [*sic*] minhabba li l-atti ma gewx notifikati lill-parti telliefa u dan kif mahsub f' l-artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12, u billi wahda mill-partijiet fil-kawza ma hijiex il-persuna legittima u dan kif mahsub f' l-artikolu 811(c)."

L-artikolu 811(b) u (c) tal-Kap. 12 jiddisponi hekk:
"Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista' … tigi ritrattata … ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:
…
(b) jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basata li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza;
(c) jekk wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima, kemm-il darba ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni ta' illegittimità;"

It-talba tar-ritrattand, kwantu bazata fuq id-dispost ta' l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12, ma tistax tintlaqa' ghaliex l-att ta' citazzjoni illi permezz tieghu giet intavolata l-kawza illi taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni gie debitament notifikat lill-Avukat Dottor Michael Caruana illi b'digriet tas-sebgha (7) ta' Mejju, 1990 kien gie "nominat kuratur deputat biex

jirraprezenta lill assenti Saviour sive Sam … Portelli”. Din in-notifika saret fit-tlieta (3) ta’ Ottubru, 1990, kif jirrizulta mir-riferta relativa illi tinsab fuq wara ta’ l-att ta’ citazzjoni. La darba dan huwa hekk u la darba, kif già inghad, l-artikolu 811 tal-Kap. 12 huwa wiehed ta’ interpretazzjoni strettissima, ma jistax jinghad illi hemm lok ghar-ritrattazzjoni *ai termini* ta’ l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 minhabba c-cirkostanzi illi jsemmi r-ritrattand f’dik il-parti tar-rikors illi giet citata fil-paragrafu illi jigi immedjatament qabel ir-riproduzzjoni ta’ l-artikolu 811(b) u (c) tal-Kap. 12;

Tajjeb illi jigi rilevat ukoll - ghalkemm mhux mehtieg - illi nonostante n-nota ta’ Carmelo Portelli,ipprezentata quddiem dina l-Qorti fl-erbgha (4) ta’ Novembru, 1993, illi permezz taghha l-istess Carmelo Portelli iddikjara illi “qieghed jassumi l-atti ta’dan l-appell in rappresentanza ta’ … Salvatore Portelli flok il-kuratur Dr Michael Caruana”, f’dik il-kawza, sal-mument illi giet pronunzjata s-sentenza impunjata, ir-ritrattand xorta wahda baqa’ rappresentat mill-kuratur Avukat Dottor Michael Caruana; dana ghaliex in-nomina ta’ l-Avukat Dottor Michael Caruana bhala “kuratur deputat biex jirraprezenta lill assenti Saviour sive Sam … Portelli” ma tilfitx l-effikacja taghha bl-imsemmija nota ta’ assunzjoni ta’ l-atti ta’ Carmelo Portelli. Tali nomina setghet tigi revokata biss permezz ta’ digriet *ad hoc* tal-Qorti. Mill-atti processwali tali digriet ma jirrizultax;

Ikkunsidrat:

Illi t-talba tar-ritrattand anqas kwantu hija bazata fuq dak illi jiddisponi l-artikolu 811(c) ma tista’ tintlaqa’ ghaliex, ir-ritrattand b’ebda mod ma rnexxielu jipprova l-allegazzjoni tieghu illi “wahda mill-partijiet fil-kawza ma hijiex il-persuna legittima”. F’dan ir-rigward tajjeb illi ssir riferenza ghal dak illi intqal fil-paragrafu ta’ qabel dan, meta kienet qed tigi konsidrata t-talba tar-ritrattand kwantu bazata fuq il-provvediment ta’ l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12, u cioe` illi “...sal-mument illi giet pronunzjata s-sentenza impunjata ir-ritrattand xorta wahda baqa’ rapprezentat mill-kuratur Avukat Dottor Michael Caruana”;

Ikkunsidrat:

Illi jmiss issa illi tigi konsidrata t-talba tar-ritrattand kwantu bazata fuq l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 illi jiddisponi illi kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista' tigi ritrattata:
"jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;
ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;"

Skond l-artikolu 816 tal-Kap. 12, meta t-talba ghar-ritrattazzjoni tkun ibbazata fuq il-motiv ta' applikazzjoni hazina tal-ligi (bhal ma huwa l-kaz illi qed jigi konsidrat issa):
"… l-attur [ir-ritrattand] ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata."

Sabiex isostni l-pretensjoni tieghu illi hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza a bazi ta' l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 ir-ritrattand fir-rikors tieghu jissottometti biss hekk:
"… illi … [s-]sentenza giet malament ottenuta billi kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi in kwantu l-istess ligi tipprovdi li meta wiehed jkun ha l-fond b'antikresi dan jkollu l-opportunità li jikkonverti dik l-antikresi fi proprjetà purkè l-fond jkun ghadu f'idejh; dan id-dritt moghti lill-kreditur antikretiku huwa indipendenti minn dak li jaghmlu terzi jew id-debitur antikretiku fil-konfront tieghu. Id-decizjoni tal-Qorti, kuntrarju ghal dak li trid il-ligi, ghamlet id-dritt tal-kreditur antikretiku jiddependi minn dak li jaghmel id-debitur antikretiku u dan huwa zbaljat fil-ligi. Ghalhekk l-istess sentenza hija soggetta ghar-ritrattazzjoni kif previst f' l-artikolu 8119(E) [*sic*] tal-Kapitolu 12 billi applikat il-ligi hazing [*sic*]";

Kif qalet tant tajjeb dina l-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza taghha tat-tlieta (3) ta' Gunju, 1994 fil-kawza fl-ismijiet *Reginald Micallef et noe. vs. Godwin Abela et noe.*:

"… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok disposizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. <u>Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti kif komposta);

Minn qari tas-sentenza attakkata jirrizulta illi sabiex waslet ghall-konkluzjoni taghha l-Qorti interpretat u applikat l-artikolu 1987 tal-Kodici Civili ghall-fatti illi rrizultawlha ppruvati. Mhux kompitu ta' dina l-Qorti f'dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni illi tippronunzja ruhha dwar jekk fis-sentenza attakkata kienx hemm interpretazzjoni u applikazzjoni skorretti ta' l-artikolu 1987 tal-Kodici Civili. Inoltre, jirrizulta car mill-ahhar silta citata mir-rikors ta' ritrattazzjoni illi r-ritrattand ma indikax illi fis-sentenza attakkata kellu jigi applikkat xi provvediment tal-ligi illi mhux l-artikolu 1987 tal-Kodici Civili;

Konsegwentement, it-talba tar-ritrattand, anqas kwantu bazata fuq il-provvediment ta' l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12, ma tista tintlaqa';

Ikkunsidrat:

Illi jibqa' issa illi jigi konsidrat l-ahhar motiv avanzat mir-ritrattand ghat-thassir tas-sentenza attakkata, motiv kontemplat mill-artikolu 811(a) tal-Kap. 12 illi jiddisponi illi:
"Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista' … tigi ritrattata …

(a) jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra;"

Sabiex juri illi hemm lok illi jigi applikat l-artikolu 811(a) tal-Kap. 12, ir-ritrattand jissottometti hekk fir-rikors relativ:
"[Is-]sentenza giet malament ottenuta bi frodi tad-drittijiet tal-esponent u dan billi l-kuntratt b'liema akkwistaw l-atturi kien vizzjat bi frodi u qerq tad-drittijiet tal-esponent. Infatti l-esponent sejjer jipproponi azzjoni specifika biex dak il-kuntratt ta' akkwist tal-atturi jigi dikjarat li sar bi frodi tad-drittijiet tal-esponent u jigi rexiss. Din tigi proposta f'azzjoni separata. B'dana kollu xorta wahda jibqa l-fatt li s-sentenza hija vizzjata minhabba l-element ta' frodi perpetrat mill-atturi u ghalhekk ghandha tigi ritrattata ghat-tenur tal-artikolu 811(a) tal-Kapitolu 12."

Ikkunsidrat:

Illi huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi azzjoni ghar-ritrattazzjoni ma tistax tirnexxi jekk il-motiv illi fuqu tkun ibbazata ikun jikkonsisti f'materja illi r-ritrattand seta' liberament jitlob illi tigi investita fil-pendenza tal-proceduri illi wasslu ghas-sentenza attakkata;

Dan premess, u fid-dawl ta' dak illi jinghad fid-decizjoni moghtija minn dina l-Qorti fis-sittax (16) ta' Dicembru, 2003, ma hemm ebda dubbju illi t-talba tar-ritrattand, kwantu bazata fuq dak illi jiddisponi l-artikolu 811(a) tal-Kap. 12, ma tistax tintlaqa'. Permezz ta' l-imsemmija decizjoni tas-16 ta' Dicembru, 2003 giet michuda t-talba tar-ritrattand verbalizzata fil-pendenza tal-proceduri odjerni - precizament waqt l-udjenza tal-hdax (11) ta' Marzu, 2002 - fit-termini segwenti:
"Profs Ian Refalo ghar-ritrattand jitlob li jinghata terminu biex jiddeduci in gudizzju l-pretensjoni tieghu li l-kuntratt kien vizzjat billi frawdolenti permezz ta' l-*actio pauliana*";

Fid-decizjoni relattiva dina l-Qorti, fost affarijiet ohra, qalet hekk:
"Illi m'hemmx dubju illi l-kuntratt illi ghalih saret riferenza fil-verbal appena citat huwa dak imsemmi fl-ewwel (1) premessa ta' l-att ta' citazzjoni illi permezz tieghu gew

inizjati l-proceduri illi fihom qed tintalab ir-ritrattazzjoni odjerna. Dan il-kuntratt, pubblikat min-Nutar Dottor Paul Geoge Pisani fit-tnejn (2) ta' April, 1990, jikkostitwixxi l-bazi illi fuqha tistrieh l-azzjoni attrici; kopja ta' dan il-kuntratt giet esibita ma' l-att ta' citazzjoni (Dok. A). …;
Fil-fehma ta' din il-Qorti dak illi qed jitlob illi jaghmel ir-ritrattand permezz ta' l-imsemmi verbal kellu, jekk qatt, isir qabel ma inghatat is-sentenza illi taghha qed jitlob ir-ritrattazzjoni. Tajjeb illi jinghad, f'dan ir-rigward, illi 'l-istat ta' fatt' illi l-istess ritrattand qed jghid illi fih 'jirravviza l-qerq ta' l-atturi u d-dritt tieghu li jesperixxi l-azzjoni pauliana', kien a konoxxenza tar-ritrattand sa mill-bidunett tal-proceduri illi qed jittenta illi jirritratta peress illi, kif già inghad, il-kuntratt Dok. A gie esibit flimkien ma' l-att ta' citazzjoni. Din il-Qorti hija tal-fehma ukoll illi r-ritrattand ma avanza ebda raguni valida ghala ma ezercitax l-azzjoni pauliana qabel ma giet emanata dik is-sentenza."

Ghal dawn il-motivi:

Tichad it-talbiet tar-rikorrent ritrattand bl-ispejjes kollha kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------